MALTA

# QORTI TA' L-APPELL
**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2014

Appell Civili Numru. 211/2007/1

**Emanuel Coleiro**

**v.**

**Carmen Coleiro u l-istess Carmen Coleiro b'digriet tas-17 ta' Ottubru 2007 giet nominata bhala kuratrici 'ad litem' ta' binha minuri Justin Coleiro**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan hu appell maghmul mill-konvenuta [l-appellanti] minn sentenza moghtija fit-22 ta' Frar 2013 mill-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] li permezz taghha dik il-Qorti, ppronunzjat il-firda personali bejn il-konjugi Coleiro bi htija ugwali taz-zewg partijiet, ordnat fil-konfront taz-zewg partijiet l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 tal-Kap.12, cahdet it-talba tal-attur [l-appellat] sabiex tigi

assenjata lilu d-dar matrimonjali 17, Triq De Warsberg, Gudja, kif ukoll it-talba tal-appellanti sabiex din tigi awtorizzata tghix fid-dar matrimonjali, ad eskluzjoni tal-attur, u laqghet it-talba tal-partijiet ghax-xoljiment tal-komunjoni. Dik il-Qorti, wara li llikwidat l-assi tal-komunjoni assenjatu bil-mod segwenti:

> ".. tordna l-bejgh b'licitazzjoni tal-fond 17, Triq De Warsberg, Gudja, u wara li l-konvenuta tippreleva s-somma ta' €3,954 u jithallas id-dejn fuqha, ir-rikavat jinqasam fi kwoti wgwali bejn il-partijiet – u dan wara li ssir id-debita stima mill-AIC Mario Cassar nominat ghal dan l-iskop; tassenja lill-attur il-mutur Honda u l-vettura Toyota, izda huwa ghandu jhallas lill-konvenuta s-somma ta' €5,500 bhala ekwiparazzjoni; tordna li kull flus depozitati f'banek jew istituzzjonijiet finanzjarji jinqasmu ndaqs bejn il-kontendenti li ghandhom izommu bhala proprjeta` taghhom kull proprjeta` ohra mobbli fil-pussess taghhom illum."

2. Fir-rikors tal-appell taghha l-appellanti qed titlob li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tvarjaha f'dik il-parti li tirrigwarda l-assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, filwaqt li l-appellat min-naha tieghu, wara li rrileva zball fis-sentenza appellata, qed jitlob li, ghar-ragunijiet indikati fir-risposta tieghu, l-appell jigi michud bl-ispejjez, u s-sentenza appellata tigi konfermata.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

3. Illi l-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet li huma relevanti ghall-finijiet ta' dan l-appell:

> "**TORT**
>
> "Il-Qorti, wara li eżaminat il-provi hija konvinta li l-partijiet it-tnejn jaħtu ndaqs għat-tifrik taż-żwieġ tagħhom. Anke jekk ma ġiex pruvat konklussivament l-adulterju (fis-sens li xi ħadd inqabad *'in flagrante'*) ma hemmx dubju li l-partijiet kienu ħatja ta' nġurji gravi fil-konfront ta' xulxin u t-tnejn li huma fittxew ħbiberiji ntimi ma' persuni tas-sess oppost. Ma hemmx anzi dubju li

eventwalment it-tnejn kellhom ukoll relazzjonijiet intimi ma' wħud minn dawn il-persuni. Biżżejjed li wieħed jara dak li ntqal mix-xhieda prodotti aktar 'il fuq.

"In vista ta' dan ukoll il-Qorti hija tal-fehma li l-partijiet tilfu kull dritt ta' **manteniment** li seta' kellhom fil-konfront ta' xulxin.

"**KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

"L-aktar proprjeta' ta' valur hija d-dar konjugali. Il-konvenuta kienet akkwistat l-art li fuqha nbniet id-dar fl-1988 kif jidher mill-att tal-akkwist u hija xtrat mingħand l-Awtorita' tad-Djar. Ma hemmx kwistjoni allura, li l-fond jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti. L-attur telaq mid-dar fl-2004; minn dakinhar ma ħallas xejn mill-ħlasijiet dovuti lill-HSBC Bank għas-self li kienu ħadu biex bnew il-proprjeta'; jirriżulta li minn dakinhar il-konvenuta ħallset €35 fix-xahar u kwindi għandha tieħu dawn il-flus (€3,360) qabel ma jinqasam ir-rikavat dovut mill-bejgħ tagħha li l-Qorti inevitabilment se tordna peress li ma rriżultat ebda raġuni biex il-Qorti tassenja lil xi ħadd mill-partjiet biex tibqa' tgħix fil-fond a skapitu tal-parti l-oħra. Il-konvenuta ħallset ukoll €410 fi ċnus u €186 assikurazzjoni fuq il-fond f'dan il-perjodu. Dawn jammontaw għal €596 oħra u għalhekk b'kollox €3,954.

"L-attur ħa wkoll miegħu żewġ vetturi, mutur (Honda) u karozza (Toyota) li kienu jiswew b'kollox Lm9,500 <u>fil-munita ta' dak iż-żmien</u>. Dawn se jiġu assenjati lilu iżda naturalment irid jagħti nofs il-valur lill-konvenuta; peress li issa żgur dawn m'għadhomx jiswew daqstant il-Qorti *arbitrio boni viri* se tordna ħlas ta' €5,500 bħala ekwiparazzjoni.

"Ma jidhirx li l-partijiet kellhom xi assi oħra iżda l-Qorti għal kull buon fini se tagħti provvedimenti oħra fil-parti dispożittiva tas-sentenza biex huma ma jkollhomx aktar vertenzi fil-konfront ta' xulxin."

## <u>L-Appell</u>

4. Dan hu msejjes fuq zewg aggravji principali: [a] il-mod kif l-ewwel Qorti assenjat id-dar matrimonjali, u [b] in-nuqqas tal-ewwel Qorti li tiehu konsiderazzjoni ta' flus ohra li skont l-appellanti huma dovuti lilha.

*L-ewwel aggravju – id-dar matrimonjali*

5. Ghalkemm huwa pacifiku li din tappartjeni liz-zewg partijiet fi kwoti ugwali, l-appellanti tilmenta mill-mod kif l-ewwel Qorti ddisponiet minn din il-proprjeta`. Issostni li d-dar hija komodament divizibbli b'mod li kull parti jkollha nofs kull wiehed bi dhul separat, u ghalhekk qed titlob li din id-dar ghandha tinqasam materjament bejn iz-zewg konjugi b'mod li jkollhom entratura separata. Tghid li "dan l-arrangament ikun ta' beneficcju kbir mhux biss ghaz-zewg nahat, izda aktar u aktar ghal uliedhom li altrimenti ser jigu zradikati intortament mill-ambjent taghhom. Subordinatament jekk din il-Qorti jidhrilha li m'ghandhiex taccetta din il-proposta allura "ghandu jinghata zmien ragjonevoli bhal sentejn, sabiex wara li possibilment jinqata' d-dejn, jaraw isehhilhomx ibighuha huma stess minflok in licitazzjoni".

6. L-oppozizzjoni da parti tal-appellat ghal dawn il-proposti tal-appellanti tistrieh fuq zewg argumenti principali: [a] wiehed ta' natura procedurali u li hu fis-sens li bl-appell taghha l-appellanti qed tistieden lil din il-Qorti sabiex tiddeciedi *extra petita*; u [b] l-iehor jittratta dwar il-mertu.

7. [a] L-appellat jghid li l-aggravju tal-appellanti li l-ewwel Qorti "kellha tordna rimedju iehor dwar id-dar taz-zwieg" jilledi l-principju li fid-decizjoni taghha l-Qorti hi marbuta bil-parametri tal-kawzali u tat-talbiet, u ghalhekk, jekk tvarja din il-parti tas-sentenza d-decizjoni ta' din il-Qorti tkun *extra petita*. Isostni li f'dan l-aggravju, l-appellanti "issa f'dan l-istadju donnu qed tivventila talba gdida illi d-dar li skont hi hija komodament divizibbli [li assolutament

mhux il-kaz] tinqasam, u kull parti jkollha entratura separata meta ma hemmx la talba u wisq anqas ombra ta' prova fl-atti f'dan is-sens";

8. Fir-rigward din il-Qorti tosserva li z-zewg partijiet, talbu x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, u li dan jigi likwidat u assenjat. Ghalhekk skont din it-talba, maghmula f'termini wiesa, din il-Qorti hi marbuta li tassenja l-assi tal-komunjoni skont il-ligi, b'referenza ghad-dispozizzjonijiet li jaqghu taht it-Titolu V Sub-Titolu III intestat "Fuq il-Komunjoni tal-Akkwisti", kif ukoll ghal dak li jiddisponi l-Artikolu 48[1][c] dwar id-dekadenza tal-konjugi mis-sehem tieghu/taghha mill-assi tal-komunjoni. Izda l-mod ta' kif issir l-assenjazzjoni tal-assi huwa mholli fil-gudizzju tal-Qorti gudikanti li f'dan l-ezercizzju ghandha tkun gwidata minn dak li tkun tal-fehma li jkun l-ahjar fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, fis-sens li jew tordna li l-assi kollha, jew parti minnhom jigu divizi materjalment jew inbieghu u r-rikavat jinaqsam bejn il-partijiet.

9. Ghalhekk ladarba l-appell qed isir minn dik il-parti tas-sentenza li titratta l-assenjazzjoni tal-assi tal-komunjoni kif deciza mill-ewwel Qorti, dak sottomess mill-appellat huwa legalment infondat, stante li din il-Qorti ghandha s-setgha bil-ligi li tvarja din il-parti tad-decizjoni taghha u li dak mitlub mill-appellanti jaqa' fil-parametri tat-talba tal-partijiet, u cioe` l-assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. Ghaldaqstant din l-oggezzjoni hija legalment insostenibbli

10. [b] L-appellat iressaq sottomissjonijiet fil-mertu dwar ir-raguni ghaliex jidhirlu li dan l-aggravju m'ghandux jintlaqa'. Huwa jghid li l-appellanti, flimkien

mat-tifla tal-partijiet li ghandha 24 sena ilhom jabitaw fil-fond konjugali ghal-aktar minn 9 snin minn mindu l-appellanti biddlet ic-cavetta tal-fond u sakkret lill-appellat u lit-tifel tal-partijiet barra mid-dar. Skont l-appellat, fid-dar konjugali taghhom, flimkien mal-attrici jghix il-konkubin taghha. Ghalhekk huwa jopponi li din il-Qorti tikkoncedi terminu lilha li fih hi tibqa' tghix fid-dar ad eskluzjoni tieghu.

11. Din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi, tikkondividi l-osservazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti fis-sens li "..ma rrizultat ebda raguni biex il-Qorti tassenja lil xi hadd mill-partijiet biex tibqa' tghix fil-fond a skapitu tal-parti l-ohra." F'dan il-kaz, ir-raguni tal-firda kienet dovuta ghall-ingurji gravi da parti taz-zewg partijiet fil-konfront ta' xhulxin "u t-tnejn li huma fittxew hbiberiji intimi ma' persuni tas-sess oppost." L-ewwel Qorti kompliet tosserva li "Ma hemmx dubju li eventwalment it-tnejn kellhom ukoll relazzjonijiet intimi ma' whud minn dawn il-persuni [indikati fix-xhieda]." Din il-Qorti tosserva li dan il-komportament taz-zewg partijiet ikkrea animozita` kbira bejniethom u ghaldaqstant huwa ferm inopportun li ssir divizjoni materjali tal-fond konjugali, anke b'entraturi separati, ghax dan ikun ifisser li, almenu ghal xi zmien [fl-eventwalita` li parti tbigh is-sehem taghha], il-partijiet ikunu qed jghixu vicin xulxin. Dan huwa ferm skonsiljabbli fic-cirkostanzi tal-kaz, u ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-mod kif l-ewwel Qorti ddisponiet minn din il-proprjeta` tal-komunjoni.

12. Rigward it-talba sekondarja tal-appellanti sabiex qabel ma' l-fond jinbiegh din tinghatha zmien ragjonevoli ta' sentejn li fih hi ghandha tibqa' tghix fid-dar konjugali ad eskluzjoni tal-appellat, din il-Qorti tosserva li l-mod kif l-istess appellanti abuzivament sakkret lill-appellat u lit-tifel taghhom barra mid-dar konjugali mis-sena 2004 b'mod li l-appellat ma jistax jidhol go hwejjgu jimmilitaw b'mod qawwi kontra din it-talba.

13. Inoltre dak sottomess mill-appellanti li l-bejgh tal-fond konjugali ser ikun ta' detriment ghat-tfal tal-partjiiet peress li dawn ser jigu sradikati mill-ambjent taghhom, din il-Qorti tosserva li dan l-argument huwa insostenibbli, kemm ghax mit-tfal hija biss it-tifla li tghix mal-appellanti filwaqt li t-tifel jghix mal-appellat, kif ukoll ghax it-tfal illum huma maggjorenni.

14. Ghar-ragunijiet premessi l-ewwel Qorti kienet korretta meta ordnat il-bejgh tal-fond.

15. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

*It-tieni aggravju*

16. Dan hu fis-sens li l-ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra u tassenja parti mill-komunjoni tal-akkwisti, u cioe` is-segwenti assi:

17. [a] il-pagamenti tal-*home loan* maghmula mill-appellanti meta kienet ghadha xebba, u cioe` minn Lulju 1983 tas-6 ta' Settembru 1986;

18. [b] il-pagamenti tal-istess *home loan* li hi ghamlet mis-sena 2004, ghadha taghmel wara s-sentenza tal-ewwel Qorti u li ser tibqa' taghmel sal-mument tal-bejgh tad-dar, u dan sabiex tevita li d-dar tinbiegh bis-subbasta mill-Bank;

19. [c] is-somma ta' LM3,000 li skont l-appellata kienet tatha ommha sabiex jithallsu certu xoghlijiet li kienu saru fl-istess fond;

20. [d] il-kont ta' LM160 dovuta lill Maltacom f'telefonati, liema kont jirrisali tas-sena 2004.

21. Min-naha tieghu l-appellat fir-risposta tieghu jirrileva li sar zball mill-ewwel Qorti fil-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, meta hu gie ordnat li jhallas somma ta' €5,500 rapprezentanti sehem l-appellanti mill-mutur Honda u mill-<u>vettura Toyota</u> meta mill-provi rrizulta li fiz-zmien li fih saret il-likwidazzjoni tal-assi din il-karozza ma kienitx ghadha tifforma parti mill-assi tal-komunjoni peress li d-*dealer* kien hadha lura minhabba nuqqas fil-pagamenti, ghalhekk hu gie ordnat ihallas ammont li in parti kien jirreferi ghall-vettura li ma kienitx ghadha tal-partijiet.

22. Hu opportun li din il-Qorti tittratta l-ewwel dan l-ilment tal-appellat, u dan peress li mill-provi jirrizulta car, u anke mistqarr mill-istess appellanti li fit-22 ta'

April 2001 id-dealer tal-vettura kien hadha lura peress li kien hemm dejn fuqha ta’ LM3,285. Dan jirrizulta mill-kopja tal-iskrittura li saret bejn id-*dealer* u l-appellat, u li tinsab a fol.68 tal-process, kif ukoll mid-depozizzjoni tal-appellanti tas-7 ta’ Dicembru 2011 fejn stqarret li l-vettura kien hadha d-*dealer* peress li l-appellat ma kienx qed jaffetwa l-pagamenti u hi ma kellhiex minn fejn thallas.[1]

23. Dan ifisser li, ghalkemm ma sarx appell incidentali f’dan ir-rigward, l-ilment tal-appellat huwa manifestament sostnut mill-provi u ammess mill-istess appellanti. Ghalhekk ladarba din il-Qorti ser tvarja d-decizjoni tal-ewwel Qorti dwar il-komunjoni tal-akkwisti, hija ser tiehu in konsiderazzjoni l-fatt provat li l-appellat m’ghandux jaghti s-somma ta’ €5,500 fl-intier taghha. Din il-Qorti tikkonsidra ragjonevoli li tattribwixxi minn dan l-ammont €4,500 ghall-vettura, u <u>€1,000</u> ghal mutur, b’mod li huwa dan l-ahhar ammont li jkun dovut mill-appellat lill-appellanti.

24. Issa l-Qorti ser tghaddi sabiex tikkonsidra seriatim l-ilmenti l-ohra tal-appellanti fuq elenkati.

25. [a] Rigward il-pagamenti tal-*home loan* maghmula mill-appellanti qabel ma zzewwget, din il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta li l-appellanti kienet bdiet thallas wahedha l-pagamenti mensili mit-30 ta’ Lulju 1983 u baqghet

[1] Fol.634

thallashom sakemm izzewwget fis-6 ta’ Settembru 1986. Dawn jammontaw ghal LM557.18, illum €1,298. Dan l-ilment huwa gustifikat u jirrizulta mix-xhieda tar-rapprezentant tal-Bank, kif ukoll mid-dokumenti ezebiti.[2]

26. [b] L-istess rapprezentant tal-Bank ikkonfermat li l-appellanti ghadha taffettwa l-pagamenti sallum. Mix-xhieda jirrizulta li meta l-partijiet izzewwgu, il-pagamenti kienu jsiru mill-flus tal-komunjoni, izda wara s-sena 2004 meta l-appellat tkecca mid-dar konjugali, il-pagamenti komplew jithallsu minnha biss, u ghadhom hekk jithallsu.

27. Din il-Qorti tosserva li, ghalkemm l-ewwel Qorti rrikonoxxiet li mis-sena 2004 l-appellanti kienet baqghet thallas €35 fix-xahar, fis-sentenza ma sarx provvediment dwar il-pagamenti maghmula mill-appellanti wara s-sentenza u li jibqghu jsiru minnha sad-data tal-bejgh tal-fond. Ghalhekk dan l-ilment huwa fondat fis-sens li jirrizulta li l-appellanti ghandha kreditu fil-konfront tal-komunjoni tal-ammonti li thallsu minnha mid-data tas-sentenza, u li se tibqa’ thallas sad-data tal-bejgh tal-fond, bir-rata ta’ €35 fix-xahar. Izda din il-Qorti fic-cirkostanzi, anke tenut kont ta’ kif l-appellanti abbuzivament spossessat lill-appellat mid-dritt tieghu li jabita fid-dar konjugali li nofsha tappartjeni lilu, u l-istess appellanti ilha tghix f’din id-dar ghal circa 10 snin, thoss gust u opportun li l-pagamenti tal-*home loan* li hi baqghet taghmel wara li nghatat is-sentenza tal-ewwel Qorti u li ser tibqa’ taghmel sad-data tal-bejgh tal-fond jibqghu

[2] Fols.416 sa 419

esklussivament a kariku taghha, b'mod li f'dan ir-rigward, jitqies li ma hemm ebda kreditu taghha fil-konfront tal-komunjoni.

28. Ghall-kompletezza jigi osservat li, ghalkemm l-appellanti tghid li matul iz-zwieg ommha kienet tghinha wkoll fil-hlas tal-pagamenti, dan ma jirrizultax provat, u ghalhekk f'dan ir-rigward l-ilment tal-appellanti mhux gustifikat.

29. [c] Rigward is-somma ta' LM3,000 li l-appellanti tghid li ommha kienet tatha sabiex hallset ghal xi spejjez li saru fid-dar matrimonjali, il-Qorti tosserva li, apparti mill-fatt li mill-provi mressqa f'dan il-kaz din l-allegazzjoni ma gietx sodisfacentement provata[3], dan l-allegat dejn, jekk jezisti, huwa favur terzi mhux parti fil-kawza odjerna u ghalhekk dak li tista' taghmel din il-Qorti hu li tiddikjara li, fil-kaz li dan l-allegat kreditu kontra l-komunjoni jigi eventwalment kanonizzat, allura ghandu jigi sopportat miz-zewg partijiet fi kwoti ugwali.

30. [d] Rigward il-kont ta' LM160.30, illum €373.49, mal-Maltacom, l-appellanti ghandha ragun fis-sens li dan jirrisali ghas-sena 2004 u cioe` meta l-komunjoni kienet ghadha vigenti. Ghalhekk l-appellanti ghandha kreditu kontra l-komunjoni ta' dan l-ammont.

31. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa parzjalment fondat.

[3] Bhala element ta' prova konkreta hemm biss kopja ta' dikjarazzjoni maghmula minn oht-l appellanti ghan-nom ta' ommha.

32. Ghalhekk b'rikapitulazzjoni ta' dak fuq ikkonsidrat u stabbilit jinghad: li l-appellanti ghandha kreditu versu l-komunjoni fl-ammonti ta' €3,954 [kif deciz mill-ewwel Qorti], kreditu iehor ta' €1,298, u iehor ta' €373.4, filwaqt li ghandha kreditu kontra l-appellat fl-ammont ta' €1,000.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet tilqa' l-appell parzjalment billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li tirrevoka l-parti taht il-partita numru 5 tat-talbiet tal-attrici, li tikkoncerna l-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, u, minflok, tordna li din il-parti taqra hekk:

Tilqa' l-hames talba fis-sens li tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti; tordna l-bejgh in licitazzjoni tal-fond numru 17 Triq De Warsberg il-Gudja u, wara li l-konvenuta tippreleva l-ammonti ta' tlett elef, disa' mija u erbgha u hamsin euro [€3,954], elf, mitejn tmienja u disghin euro [€1,298] u tliet mija, tlieta u sebghin euro u erbghin centezmu [€373.40] u jithallas il-bilanc tad-dejn fuqha, ir-rikavat jinqasam fi kwoti ugwali bejn il-partijiet – u dan wara li ssir id-debita stima mill-AIC Mario Cassar nominat ghal dan l-iskop; tassenja lill-attur il-mutur Honda, izda tordna li dan ghandu jhallas lill-appellanti s-sehem taghha mill-istess ammontanti ghal elf euro (€1,000) bhala ekwiparazzjoni; tordna li kull flejjes depozitati f'banek jew istituzzjonijiet finanzjarji jinqasmu ndaqs bejn il-

kontendenti li ghandhom izommu bhala proprjeta` taghhom kull proprjeta` ohra mobbli fil-pussess taghhom illum.

Spejjez ta’ dan l-appell jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------